

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/251**tat-13 ta' Frar 2015****li temenda d-Deċiżjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri***(notifikata bid-dokument C(2015) 710)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 10(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KEE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽³⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ⁽⁴⁾ dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri. L-Anness għal dik id-Deċiżjoni jiddemarka u jelenka ċerti żoni ta' dawk l-Istati Membri differenzjati skont il-livell ta' riskju abbażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika. Dik il-lista tinkludi ċerti żoni tal-Estonja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja.
- (2) L-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni 2014/709/UE, li jistipula projbizzjoni fuq id-dispaċċ lejn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi ta' laħam tal-majjal frisk u ta' ċerti preparazzjonijiet tal-majjal u prodotti tal-majjal minn żoni elenkati fl-Anness, għandu jiġi rivedut biex titjieb il-konsistenza tiegħu fir-rigward ta' derogi applikabbli għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.
- (3) Minn Ottubru tal-2014, kienu rrapportati ftit każijiet ta' deni Afrikan tal-ħnieżer fil-halluġ fil-frontiera bejn l-Estonja u l-Latvja, fiż-żewġ Stati Membri f'żona inkluża f'Parti I tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE. Ġew irrappurtati żewġ każi fil-Litwanja, f'Kaunas u f'Kupiškis.
- (4) L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali għandha titqies fil-valutazzjoni tar-riskju rappreżentat mis-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja. Sabiex tiffoka l-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali u biex ikun evitat it-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, kif ukoll biex jiġi evitat kwalunkwe xkiel mhux meħtieġ għall-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u biex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, il-lista tal-Unjoni ta' żoni soġġetti għall-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE għandha tiġi emendata u titqies is-sitwazzjoni attwali tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' dik il-marda fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja.
- (5) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE jiġi implimentat biex jinkludi, fil-Parti II ta' dak l-Anness, iż-żoni rilevanti tal-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja.
- (6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠUL 395, 30.12.1989, p. 13.⁽²⁾ ĠUL 224, 18.8.1990, p. 29.⁽³⁾ ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.⁽⁴⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

“2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati li għandhom żoni mniżżlin fil-Parti II, fil-Parti III u fil-Parti IV tal-Anness, jistgħu jawtorizzaw id-dispaċċ tal-laħam frisk tal-majjal imsemmi fil-paragrafu 1 u tal-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u tal-prodotti tal-laħam tal-majjal li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu minn dan il-laħam tal-majjal lejn Stati Membri u pajjiżi terzi oħra, sakemm daww il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u daww il-prodotti tal-laħam tal-majjal ikunu ġejjin minn ħnieżer li jkunu nżammu minn twelidhom fi rziezet li jkunu jinsabu 'l barra miż-żoni mniżżlin fil-Parti II, fil-Parti III u fil-Parti IV tal-Anness, u l-laħam frisk tal-majjal, il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u l-prodotti tal-laħam tal-majjal ikunu ġew prodotti, maħżuna u pproċessati fi stabbilimenti approvati skont l-Artikolu 12.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati li għandhom żoni mniżżlin fil-Parti II tal-Anness, jistgħu jawtorizzaw it-tqassim tal-laħam frisk tal-majjal imsemmi fil-paragrafu 1 u tal-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u tal-prodotti tal-laħam tal-majjal li jkun fihom jew li jkunu jikkonsistu minn dan il-laħam tal-majjal lejn Stati Membri u pajjiżi terzi oħra, sakemm daww il-preparazzjonijiet tal-laħam tal-majjal u daww il-prodotti tal-laħam tal-majjal ikunu ġejjin minn ħnieżer li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 jew il-paragrafu 3 tal-Artikolu 3.”

(2) L-Anness huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-Estonja tinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Estonja

Dawn iż-żoni fl-Estonja:

- il-maakond ta' Põlvamaa,
- il-vald ta' Häädemeeste,
- il-vald ta' Kambja,
- il-vald ta' Kasepää,
- il-vald ta' Kolga-Jaani,
- il-vald ta' Konguta,
- il-vald ta' Kõo,
- il-vald ta' Kõpu,
- il-vald ta' Laekvere,
- il-vald ta' Lasva,
- il-vald ta' Meremäe,
- il-vald ta' Nõo,
- il-vald ta' Paikuse,
- il-vald ta' Pärsti,
- il-vald ta' Puhja,
- il-vald ta' Rägavere,
- il-vald ta' Rannu,
- il-vald ta' Rõngu,
- il-vald ta' Saarde,
- il-vald ta' Saare,
- il-vald ta' Saarepeedi,
- il-vald ta' Sõmeru,
- il-vald ta' Surju,
- il-vald ta' Suure-Jaani,
- il-vald ta' Tahkuranna,
- il-vald ta' Torma,
- il-vald ta' Vastseliina,
- il-vald ta' Viiratsi,
- il-vald ta' Vinni,
- il-vald ta' Viru-Nigula,
- il-vald ta' Võru,
- il-linn ta' Võru,
- il-linn ta' Kunda,
- il-linn ta' Viljandi."

(b) l-entrata għal-Latvja tinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-Latvja

Dawn iż-żoni fil-Latvja:

- in-novads ta' Aizkraukles,
- in-novads ta' Alojās,
- fin-novads ta' Alūksnes, il-pagasti ta' Ilzenes, Zeltiņu, Kalncempju, Annas, Malienas, Jaunannas, Mārupes u Liepnas,
- in-novads ta' Amatas,
- fin-novads ta' Apes, il-pagasts ta' Virešu,
- in-novads ta' Baltinavas,
- in-novads ta' Balvu,
- in-novads ta' Cēsu,
- in-novads ta' Gulbenes,
- in-novads ta' Ikšķiles,
- in-novads ta' Inčukalna,
- in-novads ta' Jaunjelgavas,
- in-novads ta' Jaunpiepalgas,
- in-novads ta' Ķeguma,
- in-novads ta' Kocēnu,
- in-novads ta' Krimuldas,
- in-novads ta' Lielvārdes,
- in-novads ta' Līgatnes,
- in-novads ta' Limbažu,
- in-novads ta' Mālpils,
- in-novads ta' Mazsalacas,
- in-novads ta' Neretas,
- in-novads ta' Ogres,
- in-novads ta' Pārgaujas,
- in-novads ta' Priekule,
- in-novads ta' Raunas,
- in-novads ta' Ropažu,
- in-novads ta' Rugāju,
- in-novads ta' Salacgrīvas,
- in-novads ta' Salas,
- in-novads ta' Sējas,
- in-novads ta' Siguldas,
- in-novads ta' Skrīveru,
- in-novads ta' Smiltenes,
- in-novads ta' Vecpiebalgas,
- in-novads ta' Vecumnieku,
- in-novads ta' Viesītes,

- in-novads ta' Viļakas,
- ir-republikas pilsēta ta' Valmiera.”

(c) l-entrata għal-Litwanja tinbidel b'dan li ġej:

“3. Il-Litwanja

Dawn iż-żoni fil-Litwanja:

- fir-rajono savivaldybė ta' Kėdainiai, is-seniūnija ta' Josvainių, Pernaravos, Krakių, Kėdainių miesto, Dotnuvos, Gudžiūnų u Survilaiškio,
- fir-rajono savivaldybė ta' Panevežys, is-seniūnija ta' Krekenavos, Upytės, Velžio, Miežiškių, Karsakiškio, Naujamiesčio, Pajstrio, Panevėžio u Smilgių,
- fir-rajono svaivaldybė ta' Radviliškis is-seniūnija ta' Skėmių u Sidabravo,
- il-miesto savivaldybė ta' Kaunas,
- il-miesto savivaldybė ta' Panevežys,
- ir-rajono savivaldybė ta' Kaišiadorys,
- ir-rajono savivaldybė ta' Kaunas,
- ir-rajono savivaldybė ta' Pasvalys,
- ir-rajono savivaldybė ta' Prienai,
- is-savivaldybė ta' Birštonas,
- is-savivaldybė ta' Kalvarija,
- is-savivaldybė ta' Kazlu Ruda,
- is-savivaldybė ta' Marijampolė.”

(2) Il-Parti II hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għall-Estonja tinbidel b'dan li ġej:

“1. L-Estonja

Dawn iż-żoni fl-Estonja:

- il-maakond ta' Ida-Virumaa
- il-maakond ta' Valgamaa,
- il-vald ta' Abja,
- il-vald ta' Halliste,
- il-vald ta' Karksi,
- il-vald ta' Paistu,
- il-vald ta' Tarvastu,
- il-vald ta' Antsla,
- il-vald ta' Mõniste,
- il-vald ta' Varstu,
- il-vald ta' Rõuge,
- il-vald ta' Sõmerpalu,
- il-vald ta' Haanja,
- il-vald ta' Misso,
- il-vald ta' Urvaste.”

(b) l-entrata għal-Latvja tinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-Latvja

Dawn iż-żoni fil-Latvja:

- in-novads ta' Aknīstes,
- fin-novads ta' Alūksnes, il-pagasti ta' Vecļaicenes, Jaunlaicenes, Ziemeļu, Alsviķu, Mārkalnes, Jaunalūksnes u Pededzes,
- fin-novads ta' Apes, il-pagasts ta' Gaujienas, Trapenes u Apes,
- in-novads ta' Cēsaines,
- in-novads ta' Ērgļi,
- in-novads ta' Ilūkstes,
- ir-republikas pilsēta ta' Jēkabpils,
- in-novads ta' Jēkabpils,
- in-novads ta' Kokneses,
- in-novads ta' Krustpils,
- in-novads ta' Līvānu,
- in-novads ta' Lubānas,
- in-novads ta' Madonas,
- in-novads ta' Pļaviņu,
- in-novads ta' Varakļānu.”

(c) l-entrata għal-Litwanja tinbidel b'dan li ġej:

“3. Il-Litwanja

Dawn iż-żoni fil-Litwanja:

- fir-rajono savivaldybė ta' Anykščiai, is-seniūnija ta' Andrioniškis, Anykščiai, Debeikiai, Kavarskas, Kurkliai, Skiemonys, Traupis, Troškūnai, Viešintos u l-parti ta' Svėdasai li tinsba fin-nofsinhar tat-triq Nru 118,
 - fir-rajono savivaldybė ta' Kėdainiai is-seniūnija ta' Pelėdnagių, Vilainių, Truskavos u Šėtos,
 - fir-rajono savivaldybė ta' Kupiškis, is-seniūnija ta' Alizava, Kupiškis, Noriūnai u Subačius,
 - fir-rajono savivaldybė ta' Panevėžys is-seniūnija ta' Ramygalos, Vadoklių u Raguvos,
 - l-apskritis ta' Alytus;
 - il-miesto savivaldybė ta' Vilnius,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Biržai,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Jonava,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Šalčininkai,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Širvintos,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Trakai,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Ukmerge,
 - ir-rajono savivaldybė ta' Vilnius,
 - is-savivaldybė ta' Elektrenai.”
-